Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1914/2002

**Avviz Numru 1914/02 AJD**
**Borg Cold Stores (Imporrt & Distribution) Limited**

**vs**

**Murat Kiran**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Awissu, 2002, fejn gie mitlub li l- konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u tmien liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm508.28) rappresentanti bilanc fuq prezz ta' merci konsistenti f'affarijiet tal-ikel ordnat mill-konvenut u lilu konsenjat u mhux imhallas skond ma' jirrizulta minn Dok. 'A' esebit mal-Avviz.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-16 ta' Mejju 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghal erba’ mija u tmien liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm408.28).

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Katya Azzopardi, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ erba’ mija u tmien liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm408.28), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------